MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 1/2014

**Robert Cassar**

**vs**

**Jael Cassar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors tas-sekwestrata Jael Cassar ipprezentat fis-7 ta' Jannar 2014 li permezz tieghu ssottomettiet u talbet s-segwenti:-

“Illi permezz ta' rikors datat 10 ta' Mejju 2013, Robert Cassar talab u ottjena il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 110/13 kontra l-esponenti fl-ammont ta' mija u disghin elf Euro (€190,000) u bil-kawzali tal-mandat ta' sekwestru illi jghid: "kwantu ghal mija u sittin elf (€160,000) rapprezentanti sehem is-sekwestrant mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta' nofs (1/2) indivizi, ezistenti bejn il-partijiet , u tletin elf Euro (€30,000) rapprezentanti kreditu parafernali liema ammonti huma ikkalkulati ghall-fini ta' dan il-mandat u l-pretensjonijiet kif dedotti fil-kawza li ggib in-numru 212/09RGM.

Illi, fl-umli fehma ta' l-esponenti, jezistu ragunijiet fil-ligi illi abbazi taghhom il-mandati kawtelatorji de quo m' ghandhomx jibqghu fis-sehh u cioe':

(i) Minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub, kif ser jintwera permezz tar-rikors odjern, m'huwiex prima facie gustifikat u/jew eccessiv u dan a tenur ta' l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12.

(ii) Minghajr pregudizzju, kif ser jigi pruvat permezz tar-rikors odjern, m'huwiex ragjonevoli illi jinzamm fis-sehh il-mandati de quo u dan a tenur ta' l-artiklu 836 (1)(f) tal-Kap. 12.

(iii) Minghajr pregudizzju hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant u dan a tenur tal- artikolu 836 (1) (c)

Illi, ghaldaqstant, l-esponenti, umilment qeghdha tressaq dan ir-rikors sabiex titlob illi din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-att kawtelatorju mahruga kontra taghha u dan stante illi fl-umli fehma ta' l-esponenti, u kif ser jigi pruvat permezz tar-rikors odjern, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jimmeritaw illi l-mandat kawtelatorju de quo jigu revokati fil-konfront taghha.

Illi l-fatti tal-kaz odjern huma s-segwenti:

i. Il-partijiet kienu intavolaw proceduri ghal separazzjoni fis-sena 2009. Illi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kien hemm appartament u zewg garaxxijiet. Il-partijiet kellhom diversi kontijiet ta' self mal-APS u Bank of Valletta.

ii. Illi fl-10 ta' Jannar 2013, il-partijiet iffirmaw konvenju ghall-bejgh tal-appartament u wiehed mill-garaxxijiet u ftehmu li mir-rikavat kienu ser jithallsu d-djun u l-bilanc jigi depozitat il-Qorti.

iii. Illi, minkejja li l-partijiet kienu ftehmu li huma ma kienux ser jiehdu flus f'idejhom, Robert Cassar b'mod kapriccuz iddecieda li kapricozament iddecieda li johrog il-mandat de quo kontra l-esponenti u dan minkejja li l-appuntament ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh finali

tal-appartament u l-garaxx kien gie ffissat ghas-16 ta' Mejju 2013. Huwa car illi t-talba ghall-hrug tal-mandat kienet vessatorja u ma kellhiex ghan ghajr li ssir pressjoni fuq l-esponenti biex tnehhi l-rnandati li hija kienet talbet biex jinhargu kontra tieghu fil-bidu tal-kawza tas-separazzjoni.

iv. Illi hekk kif miftiehem fil-konvenju il-bilanc ta' €18,322.51 li kien fadal, wara li thallas dejn tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll dejn illi l-esponenti qed tikkontendi li kien dovut minn Robert Cassar wahdu, gie depozitat il-Qorti (Cedoli 699/2013).

v. Illi minbarra is-somma ta' €18,322.51 rapprezentanti bilanc mill-bejgh tal-appartament u l-garaxx hemm somma ulterjuri ta' €1,292.23 li ilha depozitata mal-Bank of Valletta p.lc. f'kont kongunt u ghalhekk ma jistax jigi zbankat mill-esponenti wahedha. Hemm ukoll somma ta' €724.82 li giet depozitar il-Qorti wara l-mandat li kienet harget l-esponenti kontra Robert Cassar.

vi. Illi l-garaxx l-iehor li jifforma parti mill- komunjoni tal-akkwisti ghandu valur ta' madwar €35,000. Naturalment dan ma jistax jinbiegh minghajr il- kunsens taz-zewg partijiet.

vii. Illi ghaldaqstant l-esponenti m'ghandha l-ebda assi tal-komunjoni tal-akkwisti fil-pussess u/ jew il-kontroll taghha u ma tistax tiddisponi minn assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wahedha.

viii. Illi mill-banda l-ohra huwa Robert Cassar li ghandu fil-pussess u 1-kontroll tieghu mutur (Kawasaki), vettura (Ford Focus) u web domains li huma assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti u li dwarhom hemm kontestazzjoni.

ix. Illi inoltre f'dan l-istadju l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija r-responsabbilita ghad-dejn li thallas mir-rikavat tal-appartament u l-garaxx u dan minhabba li filwaqt illi 1-konvenut qed jippretendi li r-responsabbilita hija taz-zewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom, 1-esponenti tishaq illi Robert Cassar kellu jhallas madwar €73,796 wahdu filwaqt illi l-bilanc kellu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Illi dan jirrizulta min-noti pprezentaw il-partijiet fl-ani tal-kawza ta' separazzjoni li permezz taghhom indikaw l-punti li ghadhom kontestati f'din il-kawza.

x. Illi fit-3 ta' Dicembru 2013, fuq talba ta' Robert Cassar stess, il-komunjoni tal-akkwisti giet terminata (mhux likwidata) permezz ta' sentenza in parte u b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

xi. Illi ghaldaqstant, il-pretensjoni ta' Robert Cassar in konnessjoni ma sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti certament ma tistax tammonta ghal €160,000 u certament ma teccedix il-valur tal-garaxx u tas-somma depozitata l-Qorti, liema garaxx u depozitu huma garanzija xierqa ghal pretensjoni ta' Robert Cassar.

xii. Illi fi kwalunkwe kaz, l-assi li minnhom Robert Cassar jippretendi li ghandu sehem ma jistghux jigu trasferiti/ zbankati hlief bil-kunsens tieghu u ghalhekk l-eventwali il-mandat mhuwiex qed iservi sabiex jikkawtela d-drittijiet pretizi minnu fir-rigward tal-assi tal- komunjoni.

xiii. Illi minkejja li fit-taiba ghall-hrug ta' mandat Robert Cassar jiddikjara li ghandu kreditu parafernali ta' €30,000, fin-nota pprezentata lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-familja) li fiha jindika l-punti ta' kontestazzjoni (ipprezentat fit-2 ta' Settembru 2013) huwa ma jsemmi l-ebda pretensjoni parafemali u ghalhekk jidher car illi din il-pretensjoni hija totalment infondata u giet indikata semplicement sabiex jintefah l-ammont li kellu jigi kawtelat. Ghaldaqstant ghal darb'ohra jirrizulta manifestament li t-talba ghall-hrug tal-mandat kienet purament vessatorja.

Ghaldaqstant , ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti togobgha tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 110/13 ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u primarjament minhabba li:

1. Hemm garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant la darba hemm il-garaxx kif ukoll d-depozitu tal-bilanc mill-prezz tal-bejgh tal-proprjetajiet l-ohra.

2. L-ammont mitlub f'dan is-sekwestru mhuwiex prima facie gustifikat u huwa ezagerat.

3. Fic-cikrostanzi ma hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh dan is-sekwestru kawtelatorju minhabba li huwa car u manifest li l-uniku ghan tieghu kien li jivvessa lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra s-sekwestrant Robert Cassar.”

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Jannar 2014 li permezz tieghu appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tas-sekwestrant Robert Cassar ipprezentata fl-20 ta’ Jannar 2014 li permezz taghha eccepixxa u ssottometta s-segwenti:-

“1.1. Permezz ta' rikors ipprezentat minn Jael Cassar nhar is-7 ta' Jannar, 2014, hija talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern ghar-ragunijiet illi (i) hemm garanzija xierqa sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet ta' l-esponenti la darba hemm garaxx kif ukoll depozitu permezz ta' cedola rnill-bilanc tal-prezz tal-proprjetajiet immobbli; (ii) l-ammont mitlub fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mhuwiex prima faciae gustifikat u huwa ezagerat: u (iii) fic-cirkustanzi ma hux ragjonevoli li jiniamm fis-sehh il-mandat kawtelatorju odjern;

1.2. Bhala fatti u kronologija ghandu jinghad dan li gej:

- nhar it-28 ta' Ottubru, 2009 Jael Cassar talbet u kisbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-esponenti bin-numru 247/2009, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u immarkata bhala "Dokument RC1". L-ammont indikat bhala sorte huwa dak ta' mija erbgha u sebghin elf Euro (€174/000) in kwantu ghal mija u sittin eif Euro (€ 160,000) sehemha ta' nofs indiviz mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn 1-esponenti u erbatax-il elf Euro (€ 14/000) kreditu parafernali, ammonti kalkolati ghal finijiet tal-mandat imsemmi;

- nhar 1-10 ta' Mejju, 2013 l-esponenti talab u kiseb il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Jael Cassar bin-numru 110/2013, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u immarkata bhala "Dokument RC2". L-ammont indikat bhala sorte huwa dak ta' mija u disghin elf Euro (€ 190,000) in kwantu ghal mija u sittin elf Euro (€ 160,000) rapprezentanti sehemhu mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' nofs indiviz ezistenti bejnu u bejn Jael Cassar u tletin elf Euro (€ 30,000) rapprezentanti kreditu parafernali, ammonti kalkolati ghal finijiet tal-mandat imsemmi;

- nhar is-16 ta' Mejju, 2013, b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Charmaine Azzopardi, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u immarkata bhala "Dokument RC3", il-kontendenti bieghu lil terz 1-appartament li kien id-dar matrimonjali flimkien ma' garaxx sottostanti bil-prezz kumplessiv ta' mija hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 125,000);

1.3. Elenkati fil-qasir il-fatti, l-esponenti ser jghaddi issa sabiex iwiegeb ir-rikors ipprezentat minn Jael Cassar u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha mehtiega;

2. Dwar it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru

2.1. Jael Cassar qieghda titlob it-thassir tal-mandat ta' sekwestru ghaliex tghid illi (i) hemm garanzija xierqa sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet ta' l-esponenti la darba hemm garaxx kif ukoll depozitu permezz ta' cedola mill-bilanc tal-prezz tal-proprjetajiet immobbli; (ii) l-ammont mitlub fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mhuwiex prima faciae gustifikat u huwa ezagerat: u (iii) fic-cirkustanzi ma hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat kawtelatorju odjern;

2.2. Dwar il-kwistjoni ta' l-ammont, l-esponenti jirrileva illi Jael Cassar ma tistax tittiehed bis-serjeta meta tghid illi l-ammont mitlub gie gonfjat, huwa ezagerat u ma huwiex gustifikat meta kienet hija stess lura fis-sena 2009 li talbet il-kawtela ta' l-istess ammont ta' mija u sittin elf Euro (€ 160,000) bhala sehemha ta' nofs indiviz mil-komunjoni ta' l-akkwisti. Fil-fatt, meta l-esponenti gie sabiex jipprezenta l-mandat ta' sekwestru tieghu kontra Jael Cassar mexa proprjament fuq din il-figura ghaliex irraguna li jekk ghal Jael Cassar in-nofs dovut lilha mill-komunjoni ta' l-akkwisti kien ta' mija u sittin elf Euro (€ 160,000), allura s-sehem tieghu dovut lilu mill-istess komunjoni huwa fl-istess

ammont. Ma jistax ikun illi s-sehem ta' Jael Cassar mill-komunjoni ta' l-akkwisti jiswa' aktar minn sehem l-esponenti;

2.3. Huwa pero minnu illi wara li ntalbu u nhargu l-mandati ta' sekwestri hawn fuq imsemmija, inbieghet id-dar matrimonjali u garaxx sotostanti ghall-prezz kumplessiv ta' mija u hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 125,000). Huwa ghalhekk li 1-esponenti jaqbel illi l-arnrnont kawtelat kemm fuq il-mandat ta' sekwestru li inhareg fuq talba tieghu kif ukoll fuq il-mandat ta' sekwestru li inhareg fuq talba ta' Jael Cassar ghandu zgur jigi imnaqqas. Huwa ghalhekk ukoll li l-esponenti qieghed jipprezenta r-rikors opportun rigward is-sekwestru mahrug kontra tieghu minn Jael Cassar;

2.4. Rigward l-ammont kawtelat bhala kreditu parafernali, l-esponenti jirrileva li - kif ser jirrizulta mill-provi fil-mertu fil-kawza tas-separazzjoni personali - hemm ammont sostanzjali dovut lilu bhala kreditu parafernali. Mhux biss hemm it-tletin elf Euro (€ 30,000) imsemmija fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni izda hemm ukoll ammont ulterjuri ta' cirka hamsa u sebghin elf Euro (€ 75,000) li d-Dipartiment ta' l-Artijiet kellu jhallas ex gratia bhala donazzjoni lill-esponenti talli gie igumbrat minn banka tal-lottu li kellu f'bieb il-Belt, Valletta. Minflok ippercepixxa dan l-ammont, l-esponenti kellu jhallas ammont dovut lill-kumpannija bankarja APS Bank Limited mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Ladarba d-dejn tal-komunjoni thallas permezz ta' ammont dovut ex gratia lill-esponenti, huwa jgawdi kreditu ulterjuri kontra Jael Cassar. Ghalhekk l-ammont ta' tletin elf Euro (€ 30,000) huwa pjuttost wiehed konservattiv. L-esponenti jirrileva wkoll illi l-kwistjoni tal-bilanci u ta' kemm huwa dovut minn min u lil min hija certament kostatazzjoni li ghandha issir fil-kawza fil-mertu u mhux fl-atti ta' semplici rikors ghal revoka ta' mandat kawtelatorju u dana peress illi jinhtieg ezami u kalkoli xi ftit approfonditi.

Ghalhekk huwa ferm inutili li Jael Cassar tghid li hija tishaq li hemm madwar tlieta u sebghin elf seba' mija sitta u disghin Euro (€73,796) dejn li l-esponenti kellu jhallas wahdu meta d-dejn kollu li kien hemm kien dejn tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

2.5. Jael Cassar tippretendi illi hemm garanzija alternattiva sufficjenti ghal pretensjonijiet ta' l-esponenti liema garanzija hija komposta mis-segwenti: (i) depozitu ta' tmintax-il elf tlett mija tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u hamsin centezrnu (€ 18,322.51); (ii) depozitu ta' elf mitejn tnejn u disghin Euro u tlieta u ghoxrin centezrnu (€ 1,292.23); (iii) depozitu ta' seba' mija erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€ 724.82) u (iv) garaxx li huwa parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-esponenti jghid li dawn mhumiex garanzija sufficjenti ghas-sernplici raguni illi nofs is-somom hawn imsemmija huma gja pertinenti lill-esponenti bhala sehemhu mill-komunjoni ta' l-akkwisti u l-istess nofs indiviz tal-garaxx li ghadu ma nbieghx. Dan il-garaxx ma jiswiex harnsa u tletin elf Euro (€ 35,000) imma l-aktar hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 25,000);

2.6. Finalment Jael Cassar mhijiex korretta kull fejn tghid illi l-uniku ghan tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kien illi jivvessaha. Ic-cirkostanzi li fihom inhareg il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni kienu dawk konkomitanti l-bejgh ta' assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti fejn kien ser ikun hemm rikavat li seta' jinqasam bejn il-kontendenti ugwalrnent. Jael Cassar irrifjutat minghajr l-ebda raguni valida u peress li kien hemm biza' rejali li hija titlob sehemha f'idejha ghaliex ma kienx hemm sekwestri kontriha u sehem l-esponenti jigi depozitat taht l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti kien mehtieg illi s-sitwazzjoni tigi bilancjata;

2.7. Anke issa ghad hemm il-htiega li s-sitwazzjoni tigi bilancjata fis-sens illi filwaqt li l-esponenti jirrikonoxxi li l-mandat ta’ sekwestru mahrug fuq talba tieghu kontra Jael Cassar ghandu jitnaqqas, u dana peress illi kien hemm il-bejgh tad-dar matrimonjali u tal garaxx sottostanti, jekk mhux sahansitra jitnehha ghal kollox, hemm bzonn li anke l-mandat mahrug fuq talba ta’ Jael Cassar kontra tieghu jitnaqqas jew jitnehha ghal kollox ghall-istess raguni u kwindi qieghed jigi pprezentat rikors f'dan is-sens kontestwalment. Jael Cassar tghid hazin li ma ghandha l-ebda assi tal-komunjoni f'idejha ghaliex hija ghandha karozza (tal-marka Skoda Fabia) li dawritha fuq isem ohtha dakinhar li talbet u kisbet il-hrug tal-mandat tal sekwestru taghha kontra l-esponenti izda li hija ghadha tuza dik l-istess karozza sal-gurnata tallum;

3. Konkluzjoni

3.1. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-esponenti umilment jissottornetti, in linea principali, illi huwa tal-fehma li l-mandat tal sekwestru kawtelatorju in kwistjoni ghandu certarnent jitnaqqas ghal dik li hija sorte stante l-bejgh tal proprjeta immobbli pertinenti lill-komunjoni tal-akkwisti wara l-hrug ta’ l-istess mandat;

3.2. Ir-ragunijiet moghtija sabiex il-mandat tal sekwestru jitnehha ghal kollox imorru lil hinn minn ezami prima faciae izda l-esponenti jistrieh fuq l-ghaqli gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward;

3.3. F'kull kaz, l-esponenti jirrileva li dak li jghodd fil-kaz tal-mandat tal sekwestru kawtelatorju mahrug minnu kontra Jael Cassar jghodd ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju mahrug minn Jael Cassar kontrih u ghalhekk dina 1-Onorabbli Qorti ghandha taghmel gustizzja bl-istess mod kemm ma’ Jael Cassar kif ukoll ma’ l-esponenti fuq ir-rikors tieghu li qieghed jipprezenta kontestwalment;

3.4. L-esponenti jghid ukoilli huwa ma ghandux ibati l-ebda spejjez kemm ghaliex huwa ikkawtela pretensjoni kwantifikata skond dak li ikkwantifikat Jael Cassar kif ukoll ghaliex huwa qatt

ma gie avvicinat bonarjament minn Jael Cassar rigward il-kontenut tar-rikors li ghalih din ir-risposta tirreferi."

Rat l-atti.

Semghat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2014.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghad-decizzjoni.

Ikkonsidrat;

**Il-Fatti.**

Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dawn il-proceduri inhareg fl-10 ta' Mejju 2013 fuq talba tas-sekwestrant kontra martu ghall-ammont ta' €190,000 rapprezentatni skond is-sekwestrant €160,000 sehemhu mill-komunjoni tal-akkwisti u €30,000 kreditu parafernali pretiz, liema pretensjonijiet jifformaw *in parte* l-mertu tal-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Proprju gimgha wara li nhareg l-imsemmi mandat, permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Charmaine Azzopardi fis-16 ta' Mejju 2013 il-partijiet bonarjament bieghu lil terzi d-dar matrimonjali flimkien ma' garaxx sottostanti ghall-prezz komplessiv ta' mija u hamsa u ghoxrien elf ewro (€125,000). Mir-rikavat gie saldat id-dejn kollu li l-partijiet kellhom mal-APS Bank Ltd u mal-Bank of Valleta plc. Il-bilanc mir-rikavat, ammontanti ghal tmintax-il elf ewro (€18,000), gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti kif hekk ghadu sallum. Ghalhekk circa €117,000.00 thallsu lill-banek sabiex gie saldat id-dejn li l-partijiet kellhom ma' dawn il-banek.

**Procedura ghar-Revoka Mandati Kawtelatorji**.

Skond paragrafu 2.1 tar-rikors mertu ta' din id-decizzjoni, r-rikorrent qed isejjes ir-rikors tieghu fuq id-dispozittiv tal-**artikolu 836 (c) (d) u (f) tal-Kap. 12.**

Dawn it-tlett sub-incizi tal-artikolu imsemmi jipprovdu dan li gej:-

*(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

- *omissis* -

*(c) "jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista' għassodisfazzjoni*

*tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew";*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew*

*ikun eccessiv; jew*

- *omissis* -

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh*

*l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Necessarju ghalhekk illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors jigu ezaminati fid-dawl ta' kull sub-inciz rispettivament.

***Prima Facie jekk hemmx Pretensjoni Legali.***

Appena huwa necessarju jigi puntwalizzat illi fid-determinzazzjoni ta' din l-istanza, il-Qorti mhiex ser tippronunzja ruhha dwar il-fondatezza o meno tal-pretensjonijiet tas-sekwestranti kif fuq riprodotti.

Id-dover tal-Qorti f'rikorsi simili huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza u mhux tal-prezenti decizzjoni.

Fir-risposta tieghu s-sekwestrant intimat jammetti illi b'konsegwenza tal-bejgh tad-dar matrimonjali u garaxx il-pretensjonijiet tieghu fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti gew ridotti, kif de resto gew ridotti wkoll dawk ta' martu. Jghid l-intimat illi fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti il-pretensjonijiet tieghu huma identici ghal dawk ta' martu u ghalhekk isostni illi jekk martu ghandha dritt tikkawtela pretensjoni fuq il-komunjoni fis-somma ta' €160,000 hekk ukoll ghandu hu.

Kif qed jigi deciz kontestwalment fid-decizzjoni relativa ghall-mandati ta' sekwetru li l-mara ghamlet kontra r-ragel, il-pretensjonijiet tar-ragel fil-konfront ta' martu certament illi gew ridotti wara l-bejgh tal-garaxx u tad-dar matrimonjali.

Isegwi ghalhekk illi filwaqt li meta inhareg il-mandat fl-10 ta' Mejju 2013 ir-rikorrent kien gustifikat li jitlob kawtela ghall-pretensjonijiet tieghu, una volta gie ppubblikat il-kuntratt ta' bejgh u d-dejn mal-banek gie saldat u r-rikavat tal-bejgh gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti, tnissel fis-sekwestrant l-obbligu illi jirriduci s-sorte fil-mandat kawtelatorju.

Fir-risposta tieghu s-sekwestrant spjega illi l-pretensjoni tieghu fis-somma ta' €30,000 pretizi minnu bhala kreditu parafernali tirraprezenta ammont imhallas mid-Dipartiment ta' l-Artijiet talli s-sekwestrant gie zgumbrat mill-Gvern minn gabbana tal-lottu li kien jiggestixxi.

B'konsegwenza tal-bejgh taz-zewg immobbli fuq imsemmija li sar fis-16 ta' Mejju 2013, il-pretensjonijiet tas-sekwestrant fil-konfront tas-sekwestrata ghal sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti necessarjament naqsu; izda s-sekwestrant ma ha l-ebda azzjoni sabiex il-mandat ta' sewkestru kawtelatorju mahrug fuq talba tieghu jigi emendat biex jirrifletta b'mod gust il-pretensjoni tieghu kif issa ridotta. Il-Qorti qed tirriskontra nuqqas da parti tas-sekwestrant illi ma rriduciex minn jeddu s-sorte fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina kif kellu l-obbligu li jaghmel.

**Pretiz kreditur ezekutant li parti mill-kreditu pretiz tieghu jigi sodisfatt wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju mahrug fuq talba tieghu, huwa fid-dover illi jagixxi sabiex volontarjament jirriduci s-sorte fil-mandat u dan sabiex is-sorte ikun jirrifletti il-pretensjoni ridotta u mhux jistenna li jigi ordnat li jaghmel hekk mill-Qorti**.

Is-sekwestrant ma ghamel xejn minn dan u ma ressaq l-ebda raguni ghal dan in-nuqqas nonostante li l-kuntratt tal-bejgh ilu li gie ppubblikat mis-16 ta' Mejju 2013.

Il-Qorti tqis illi il-pretensjonijiet tas-sekwestrant fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti illum huma garantiti bl-ezistenza tal-istess assi u ghalhekk ma hemmx htiega jew obbligu da parti tas-sekwestrata illi tikkawtela l-pretensjonijiet ta' zewgha fir-rigward.

Mhux l-istess fir-rigward tal-pretensjoni tas-sekwestrant imsejha kreditu parafernali.

Il-pretensjoni tas-sekwestrant fis-somma ta' €30,000 bhala dak l-ammont li qed jippretendi li kien jibqa' f'idejh jekk jigi eventwalment deciz fis-sentenza finali li s-somma ta' €75,000 li thallsu mid-Dipartiment tal-Artijiet kienu parafernali ghalih u mhux tal-komunjoni, jikkwalifika bhala pretensjoni legali li dwarha s-sekwestrant ghandu dritt jitlob kawtela.

**Garanzija Xierqa**.

Ir-rikorrenti qed titlob li l-Qorti tiddikjara illi bid-depozitu ta' €18,000.00 taht l-Awtorita' tal-Qorti kif ukoll bl-unika immobbli komuni tal-partijiet rimanenti mhux mibjugh tezisti garanzija sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet pendenti tas-sekwestrant.

Jirrizulta mill-atti tal-kawza illi l-valur tal-garaxx huwa ta' circa €30,000.00 li maghdud mas-somma depozitata l-Qorti jammontaw komplessivament ghal €48,000.00 nofs indiviz ta' liema jappartjenu lir-rikorrent sekwestrat.

In vista tal-fatt illi sehem is-sekwestrata mill-garaxx rimanenti u mill-flus depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti ghandu valur ta' €24,000.00 il-Qorti qed tqis illi l-pretensjonijiet attwali tas-sekwestrant fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti huma **garantiti bil-valur ta' nofs il-valur tal-garaxx u b'nofs il-valur tal-flus depozitati, b'kollox €24,000.00**.

***L-ammont indikat fil-Mandat mhux 'prima facie' gustifikat u huwa Eccessiv***.

Stabbilit illi in segwitu ghall-bejgh ta' parti mill-immobbli komuni il-pretensjonijiet tas-sekwestranti fil-konfront tas-sekwestrata gew ridotti, isegwi illi l-ammont indikat fil-mandat illum huwa eccessiv u *prima facie* mhux gustifikat.

Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-pretensjoni tas-sekwestrant fir-rigward tal-pretiz 'kreditu parafernali' bil-valur komplessiv ta' €30,000.00 hija parzjalment garantita b'sehem is-sekwestrata mill-garaxx u mill-flus depozitati l-Qorti. Kif rajna il-valur ta' sehem is-sekwestrata mill-garaxx u depozitu jammonta ghal €24,000.00.

Fil-fehma tal-Qorti huwa biss ir-rimanenti bilanc u cioe' sitt elef ewro (€6,000) li s-sekwestrant jista' jitlob li jigi kawtelat b'mandat kawtelatorju; u mhux ammont akbar.

Isegwi ghalhekk illi s-sorte fis-sekwestru in dizamina ghandu jigi ridott minn €190,000 ghal €6,000.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz, taqta' u tiddeciedi r-rikors *de quo* billi:-

1. Tiddikjara illi l-ammont ta' €190,000 indikat bhala sorte fis-sekwestru numru 110/13 illum ma hux ***prima facie*** kollu gustifikat u ghalhekk huwa eccessiv.

2. Tiddikjara illi mill-mument li l-pretensjonijiet tal-intimat fil-konfront ta' martu naqsu b'konsegwenza tal-bejgh ta' proprjeta' immobiljari komuni tal-partijiet, huwa kien fid-dover illi jirriduci s-sorte tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fuq talba tieghu.

3. Tiddikjara u tordna illi l-ammont tas-sorte fil-mandat *de quo* ghandu jigi ridott minn mija u disghin elf ewro (€190,000) ghal sitt elef ewro (€6,000).

4. Tordna ghalhekk illi l-ammont tas-sorte fil-mandat numru 110/13 fl-ismijiet premessi jigi ridott minn mija u disghin elf ewro (€190,000) ghal sitt elef ewro (€6,000).

5. Tordna li kopja ta' dan id-digriet tigi inserita fl-atti tas-sekwestru numru 110/13

6. Tordna n-notifika ta' dan id-digriet lis-sekwestratarji kollha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------